Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0240(COD)

24.6.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509
(COM(2025)0565 – C10-0179/2025 – 2025/0240(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Javier Zarzalejos

PA_Legam

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1
Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 46, il-punt (d), l-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2), il-punt (a), u l-Artikoli 164, 175, 177 u 178, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 209(1), l-Artikolu 212(2), l-Artikolu 322(1), il-punt (a), u l-Artikolu 349 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 46, il-punt (d), l-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2), il-punt (a), u l-Artikoli 164, 175, 177 u 178, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 209(1), l-Artikolu 212(2), l-Artikolu 322(1), il-punt (a), ***l-Artikolu 325(4)*** u l-Artikolu 349 tiegħu,

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Jenħtieġ li l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 10 tat-TFUE, inkluż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-Fondi, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw ukoll l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha u skont id-dritt tal-Unjoni li jarmonizza r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà

għall-prodotti u s-servizzi.

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Unjoni jeħtieġ li tilħaq l-objettivi tagħha f'kuntest ekonomiku, soċjali u demografiku diffiċli, inklużi d-disparitajiet reġjonali u territorjali persistenti, l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-isfidi relatati mas-sigurtà tal-ikel u l-protezzjoni tan-natura, progress insuffiċjenti u mhux uniformi fit-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni, li jimminaw l-isforzi biex tissaħħaħ is-sovranità diġitali tal-Unjoni kif ukoll konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sinifikanti. Dan flimkien ma' kuntest ġeopolitiku u ġeoekonomiku diffiċli li għandu impatt fuq il-politiki tad-difiża, tas-sigurtà (inkluża s-sigurtà ekonomika) u tal-migrazzjoni tal-Unjoni. L-indirizzar b'mod effettiv ta' dawn l-isfidi jirrikjedi baġit tal-Unjoni aktar iffukat, sempliċi u ta' impatt, biex jiġi żgurat il-valur miżjud tal-Unjoni u l-allinjament ċar bejn l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni u l-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika u l-modi ta' ġestjoni kollha u biex **/**jitkomplew l-isforzi biex**/** jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.	(7) L-Unjoni jeħtieġ li tilħaq l-objettivi tagħha f'kuntest ekonomiku, soċjali u demografiku diffiċli, inklużi d-disparitajiet reġjonali u territorjali persistenti, l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-isfidi relatati mas-sigurtà tal-ikel u l-protezzjoni tan-natura, progress insuffiċjenti u mhux uniformi fit-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni, li jimminaw l-isforzi biex tissaħħaħ is-sovranità diġitali tal-Unjoni kif ukoll konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sinifikanti. Dan flimkien ma' kuntest ġeopolitiku u ġeoekonomiku diffiċli li għandu impatt fuq il-politiki tad-difiża, tas-sigurtà (inkluża s-sigurtà ekonomika) u tal-migrazzjoni tal-Unjoni. L-indirizzar b'mod effettiv ta' dawn l-isfidi jirrikjedi baġit tal-Unjoni aktar iffukat, sempliċi u ta' impatt, biex jiġi żgurat il-valur miżjud tal-Unjoni u l-allinjament ċar bejn l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni u l-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika u l-modi ta' ġestjoni kollha u biex jitkomplew l-isforzi biex jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-miżuri li jappoġġaw il-persuni u jsaħħu s-soċjetajiet tal-Unjoni u l-mudell soċjali tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għall-kisba tal-miri ewlenin tiegħu,	(17) Il-miżuri li jappoġġaw il-persuni u jsaħħu s-soċjetajiet tal-Unjoni u l-mudell soċjali tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għall-kisba tal-miri ewlenin tiegħu,

f'konformità mal-linji gwida għall-impjiegi msemmija fl-Artikolu 148(4) tat-TFUE, billi jappoġġaw proġetti fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi u l-mobilità tal-forza tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar, u għalhekk isaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni. Huma jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiżguraw opportunitajiet indaqs, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità, protezzjoni soċjali u inklużjoni, b'mod partikolari billi jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-provvista ta' ħaddiema, l-iżgurar ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, it-tagħlim tul il-ħajja u l-appoġġ materjali għall-persuni l-aktar fil-bżonn, u li jingħalqu d-diskrepanzi eżistenti, inklużi d-differenzi bejn il-ġeneri. Il-miżuri jenħtieġ li jappoġġaw l-investimenti fit-tfal u fiż-żgħażagħ, il-komunitajiet emarġinati u żvantaġġati, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jenħtieġ li jiżguraw aċċess ugwali għas-servizzi. Huma jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi tal-kura fit-tul, jappoġġaw l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u jiffukaw fuq il-kisba ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn in-newtralità klimatika, filwaqt li jindirizzaw l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

f'konformità mal-linji gwida għall-impjiegi msemmija fl-Artikolu 148(4) tat-TFUE, billi jappoġġaw proġetti fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi u l-mobilità tal-forza tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar, u għalhekk isaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni***, inkluż billi jnaqqsu l-piż amministrattiv u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament u l-miżuri ta' appoġġ għall-SMEs***. Huma jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiżguraw opportunitajiet indaqs, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità, protezzjoni soċjali u inklużjoni, b'mod partikolari billi jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-provvista ta' ħaddiema, l-iżgurar ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, it-tagħlim tul il-ħajja u l-appoġġ materjali għall-persuni l-aktar fil-bżonn, u li jingħalqu d-diskrepanzi eżistenti, inklużi d-differenzi bejn il-ġeneri. Il-miżuri jenħtieġ li jappoġġaw l-investimenti fit-tfal u fiż-żgħażagħ, il-komunitajiet emarġinati u żvantaġġati, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jenħtieġ li jiżguraw aċċess ugwali għas-servizzi. Huma jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi tal-kura fit-tul, jappoġġaw l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u jiffukaw fuq il-kisba ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn in-newtralità klimatika, filwaqt li jindirizzaw l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġu protetti, jissaħħu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u jiġu mħarsa l-valuri tal-Unjoni, l-appoġġ jenħtieġ li	(20) Sabiex jiġu protetti, jissaħħu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u jiġu mħarsa l-valuri tal-Unjoni, l-appoġġ jenħtieġ li

jkun iddedikat għas-sostenn u l-iżvilupp ulterjuri ta' soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi kif ukoll għat-tisħiħ tas-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, ***il-pluraliżmu*** tal-media u kontrolli u bilanċi effettivi. Il-miżuri jenħtieġ li jkollhom l-għan ukoll li jikkontribwixxu għal governanza aħjar billi jtejbu l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji, u l-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri, ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali. Dan huwa mistenni li jtejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-miżuri appoġġati. Biex jiġi żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tiġi avvanzata kif xieraq u li ammont suffiċjenti ta' riżorsi jkun immirat lejn dawk l-aktar fil-bżonn, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali. Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal. Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin ta' qgħad u inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, li jaffettwaw b'mod partikolari liż-żgħażagħ li la huma f'impjieg, u lanqas f'edukazzjoni jew taħriġ, huwa meħtieġ li dawk l-Istati Membri jkomplu jinvestu riżorsi suffiċjenti lejn miżuri li jippromwovu l-impjieg taż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.

jkun iddedikat għas-sostenn u l-iżvilupp ulterjuri ta' soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi kif ukoll għat-tisħiħ tas-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, ***il-libertà u l-pluraliżmu*** tal-media u kontrolli u bilanċi effettivi. Il-miżuri jenħtieġ li jkollhom l-għan ukoll li jikkontribwixxu għal governanza aħjar billi jtejbu l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji, u l-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri, ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali. Dan huwa mistenni li jtejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-miżuri appoġġati. Biex jiġi żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tiġi avvanzata kif xieraq u li ammont suffiċjenti ta' riżorsi jkun immirat lejn dawk l-aktar fil-bżonn, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali. Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal. Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin ta' qgħad u inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, li jaffettwaw b'mod partikolari liż-żgħażagħ li la huma f'impjieg, u lanqas f'edukazzjoni jew taħriġ, huwa meħtieġ li dawk l-Istati Membri jkomplu jinvestu riżorsi suffiċjenti lejn miżuri li jippromwovu l-impjieg taż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.

Emenda 6
Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Il-Pjanijiet SNR għandhom l-għan li jiżguraw valur għoli għall-flus billi jagħmlu l-pagamenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kondizzjonali fuq il-kisba ta' outputs u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet miftiehma, irrispettivament mill-forma ta' rimborż mill-Istati Membri lill-benefiċjarji. Ir-rabta tal-iżborżi ma' stadji importanti, miri u outputs miftiehma u stabbiliti minn qabel li jkopru t-tul kollu tal-miżura appoġġata se tikkontribwixxi għar-regolarità tal-pagamenti lill-Istati Membri. Biex jiġi ffaċilitat dan il-proċess, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet għall-pagament sa sitt darbiet fis-sena. Biex jissimplifikaw il-finanzjament u jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw l-istess forma ta' rimborż applikata għall-pagamenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri jew skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi.	(25) Il-Pjanijiet SNR għandhom l-għan li jiżguraw valur għoli għall-flus billi jagħmlu l-pagamenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kondizzjonali fuq il-kisba ta' outputs u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet miftiehma, irrispettivament mill-forma ta' rimborż mill-Istati Membri lill-benefiċjarji. Ir-rabta tal-iżborżi ma' stadji importanti, miri u outputs miftiehma u stabbiliti minn qabel li jkopru t-tul kollu tal-miżura appoġġata se tikkontribwixxi għar-regolarità tal-pagamenti lill-Istati Membri. ***Huwa importanti li l-istadji importanti u l-miri jkunu definiti b'mod ċar u preċiż sabiex jipprovdu ċarezza dwar il-kundizzjonijiet li taħthom jitqiesu ssodisfati, biex jippermettu verifika oġġettiva, u biex jiżguraw iċ-ċertezza legali fil-proċess tal-iżborż.*** Biex jiġi ffaċilitat dan il-proċess, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet għall-pagament sa sitt darbiet fis-sena. Biex jissimplifikaw il-finanzjament u jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw l-istess forma ta' rimborż applikata għall-pagamenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri jew skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi.

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi salvagwardji b'saħħithom biex jiġi żgurat li l-Fond jiġi implimentat b'mod li jiżgura r-rispett tad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-	(27) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi salvagwardji b'saħħithom biex jiġi żgurat li l-Fond jiġi implimentat b'mod li jiżgura r-rispett tad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-prinċipji ***tad-demokrazija u*** tal-istat tad-

Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Għalhekk, bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni tal-Pjanijiet SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċertament dwar l-issodisfar ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet orizzontali, b'identifikazzjoni ta' nuqqasijiet potenzjali u azzjonijiet ta' rimedju bbażati, b'mod partikolari, fuq l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, kif ukoll il-proċedimenti ta' ksur u s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkunu meħtieġa jirrieżaminaw il-Pjanijiet SNR tagħhom ***f'nofs l-implimentazzjoni***, ***bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu***, ***biex*** jindirizzaw kwalunkwe nuqqas ġdid identifikat, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. Fi kwalunkwe ħin matul l-implimentazzjoni u wara skambji mal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li parti mill-pagamenti jew il-pagamenti kollha magħmula lil Stat Membru jiġu imblukkati jekk waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta ma jiġux issodisfati. B'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tal-proporzjonalità, id-determinazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq u l-identifikazzjoni tal-miżuri speċifiċi kkonċernati jenħtieġ li jqisu l-impatt reali jew potenzjali tan-nuqqas ta' twettiq fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu tal-ksur.

dritt kif stabbiliti ***fl-Artikolu 2 tat-TUE u speċifikati, b'mod partikolari,*** fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Għalhekk, bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni tal-Pjanijiet SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċertament dwar l-issodisfar ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet orizzontali, b'identifikazzjoni ta' nuqqasijiet potenzjali u azzjonijiet ta' rimedju bbażati, b'mod partikolari, fuq l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, kif ukoll il-proċedimenti ta' ksur u s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkunu meħtieġa jirrieżaminaw il-Pjanijiet SNR tagħhom ***fuq bażi annwali matul l-implimentazzjoni tagħhom***, ***sabiex*** jindirizzaw kwalunkwe nuqqas ġdid identifikat, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. ***Jenħtieġ li dak ir-rieżami, fejn xieraq, iwassal għall-proposta ta' emendi għall-Pjanijiet SNR biex tiġi żgurata l-effettività kontinwa tagħhom, konformità mal-Artikolu 2 tat-TUE, u allinjament ma' sfidi u prijoritajiet li qed jevolvu. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li ssarraf ir-rakkomandazzjonijiet tagħha f'rekwiżiti konkreti u operazzjonali, u tidentifika l-bidliet speċifiċi neċessarji għall-Pjanijiet SNR, inklużi, fejn xieraq, miżuri immirati, stadji importanti u skedi ta' żmien għall-proċess ta' implimentazzjoni tagħhom***. Fi kwalunkwe ħin matul l-implimentazzjoni u wara skambji mal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li parti mill-pagamenti jew il-pagamenti kollha magħmula lil Stat Membru jiġu imblukkati jekk waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta ma jiġux issodisfati. B'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tal-proporzjonalità, id-determinazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq u l-identifikazzjoni tal-miżuri speċifiċi kkonċernati jenħtieġ li jqisu l-impatt reali

jew potenzjali tan-nuqqas ta' twettiq fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu tal-ksur.

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj)

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj)

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Il-media indipendenti u pluralistika hija pedament ta' soċjetajiet demokratiċi u element ewlieni tad-dritt tal-liġi. Għandha rwol kruċjali fis-salvagwardja tar-reżiljenza demokratika, inkluż billi tiġġieled id-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri inklużi fil-Pjanijiet SNR tagħhom jappoġġaw il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-medja, inkluż permezz ta' mudelli ta' finanzjament stabbli u prevedibbli u protezzjoni minn interferenza politika u ekonomika.

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 27b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27b) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u tippermetti s-sorveljanza parlamentari effettiva tal-implimentazzjoni tal-Fond, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi lill-

	Parlament Ewropew b'informazzjoni f'waqtha u komprensiva rigward il-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali.

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 27c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27c) Meta l-fondi jiġu diżimpenjati minħabba nuqqas ta' Stat Membru li jirrispetta l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE, huwa essenzjali li l-popolazzjoni lokali u s-soċjetà ċivili ma jiġux penalizzati b'mod inġust. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jiżguraw li riżorsi miċħuda jiġu indirizzati mill-ġdid lejn benefiċjarji mhux governattivi u organizzazzjonijiet ta' soċjetà ċivili fi ħdan l-istess Stat Membru, li jiżgura li appoġġ tal-Unjoni jkompli jilħaq lil dawk li jirrispettaw il-valuri Ewropej.

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Kull Stat Membru jenħtieġ li jissottometti lill-Kummissjoni Pjan SNR, bħala regola, sal-31 ta' Jannar 2028 sabiex ikun jista' jingħata konsiderazzjoni bir-reqqa u f'waqtha. Biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-Fond, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżentaw abbozz ta' Pjan SNR minn Ġunju 2027. L-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu u jimplimentaw il-Pjanijiet SNR fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab ekonomiċi, soċjali u rurali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra f'konformità mal-qafas legali nazzjonali u r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-	(29) Kull Stat Membru jenħtieġ li jissottometti lill-Kummissjoni Pjan SNR, bħala regola, sal-31 ta' Jannar 2028 sabiex ikun jista' jingħata konsiderazzjoni bir-reqqa u f'waqtha. Biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-Fond, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżentaw abbozz ta' Pjan SNR minn Ġunju 2027. ***Sabiex jiżguraw l-involviment sinifikattiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha,*** l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu u jimplimentaw il-Pjanijiet SNR fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab ekonomiċi, soċjali u rurali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati

Pjanijiet SNR jenħtieġ li jitfasslu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jitħejjew f'konformità mal-mudell ipprovdut u jsiru disponibbli għall-pubbliku wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni u l-proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. F'konformità mal-arranġamenti kurrenti, l-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jinkludu kapitoli reġjonali u territorjali fil-Pjan SNR tagħhom u jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali jirċievu pagamenti regolari, abbażi tal-progress tal-miżuri rispettivi tagħhom, u ammont tal-anqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tagħhom tal-Unjoni sa tmiem il-perjodu, soġġett għal korrezzjonijiet potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitolu/i rispettiv/i tagħhom. Biex tiġi żgurata governanza effettiva tal-Pjan SNR, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu kumitati ta' monitoraġġ għall-kapitoli u kumitat ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Pjan SNR.

rilevanti oħra f'konformità mal-qafas legali nazzjonali u r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jitfasslu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jitħejjew f'konformità mal-mudell ipprovdut u jsiru disponibbli għall-pubbliku wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni u l-proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill***. Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni konsistenti, trasparenti u ekwa tal-pjanijiet SNR, talbiet għal pagamenti u kisbiet irrapportati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapplika metodoloġiji ċari, armonizzati u konsistentement applikati u tipprovdi gwida xierqa lill-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-verifika ta' stadji importanti u miri u l-evitar ta' finanzjament doppju***. F'konformità mal-arranġamenti kurrenti, l-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jinkludu kapitoli reġjonali u territorjali fil-Pjan SNR tagħhom u jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali jirċievu pagamenti regolari, abbażi tal-progress tal-miżuri rispettivi tagħhom, u ammont tal-anqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tagħhom tal-Unjoni sa tmiem il-perjodu, soġġett għal korrezzjonijiet potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitolu/i rispettiv/i tagħhom. Biex tiġi żgurata governanza effettiva tal-Pjan SNR, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu kumitati ta' monitoraġġ għall-kapitoli u kumitat ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Pjan SNR.

Emenda 12
Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jirċievu appoġġ jenħtieġ li jissottomettu lill-Kummissjoni Pjanijiet SNR li jkunu debitament motivati u sostanzjati. Il-Pjan	(30) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jirċievu appoġġ jenħtieġ li jissottomettu lill-Kummissjoni Pjanijiet SNR li jkunu debitament motivati u sostanzjati***. B'mod***

SNR jenħtieġ li jiddeskrivi fid-dettall kif jirrappreżenta kontribut komprensiv għall-objettivi kollha tal-Fond, b'kont meħud tal-isfidi nazzjonali, reġjonali u territorjali speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat. Huwa jenħtieġ li jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati, fost l-oħrajn, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-objettivi appoġġati mill-Fond, u kif jikkontribwixxi għat-tlestija tas-suq intern, b'mod partikolari billi jinkludi riformi, investimenti u interventi oħra b'dimensjoni transfruntiera, tranżnazzjonali jew multinazzjonali. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni f'setturi strateġikament importanti filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ekwi ma jiġux kompromessi, il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jinkludu proġetti transfruntiera u multinazzjonali, b'mod partikolari Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) li jiffukaw jew fuq ir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni jew l-ewwel użu industrijali jew fuq il-kostruzzjoni ta' infrastruttura importanti miftuħa għall-użu minn partijiet terzi, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-analiżijiet ipprovduti fl-aħħar Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkonċentraw ir-riżorsi taħt il-Pjanijiet tagħhom biex inaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati. Huma jenħtieġ li jappoġġaw ukoll it-tiġdid ġenerazzjonali u l-miżuri soċjali u l-produzzjoni b'saħħitha tas-sajd u tal-akkwakultura.

partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu kkonsultati waqt it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' dawn il-Pjanijiet. Il-Pjan SNR jenħtieġ li jiddeskrivi fid-dettall kif jirrappreżenta kontribut komprensiv għall-objettivi kollha tal-Fond, b'kont meħud tal-isfidi nazzjonali, reġjonali u territorjali speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat. Huwa jenħtieġ li jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati, fost l-oħrajn, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ***u r-rapport tal-Istat tad-Dritt, ir-rapporti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-qrati jew tribunali nazzjonali, proċedimenti ta' ksur li għadhom għaddejjin jew konklużi skont l-Artikoli 258 sa 260 tat-TFUE, rakkomandazzjonijiet u sejbiet maħruġa minn korpi internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, rakkomandazzjonijiet u sejbiet maħruġa minn korpi internazzjonali fil-qasam tad-dritt tal-liġi,*** u dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-objettivi appoġġati mill-Fond, u kif jikkontribwixxi għat-tlestija tas-suq intern, b'mod partikolari billi jinkludi riformi, investimenti u interventi oħra b'dimensjoni transfruntiera, tranżnazzjonali jew multinazzjonali. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni f'setturi strateġikament importanti filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ekwi ma jiġux kompromessi, il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jinkludu proġetti transfruntiera u multinazzjonali, b'mod partikolari Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) li jiffukaw jew fuq ir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni jew l-ewwel użu industrijali jew fuq il-kostruzzjoni ta' infrastruttura importanti miftuħa għall-użu minn partijiet terzi, filwaqt li jitqiesu,

	b'mod partikolari, l-analiżijiet ipprovduti fl-aħħar Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkonċentraw ir-riżorsi taħt il-Pjanijiet tagħhom biex inaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati. Huma jenħtieġ li jappoġġaw ukoll it-tiġdid ġenerazzjonali u l-miżuri soċjali u l-produzzjoni b'saħħitha tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu talba motivata biex jemendaw il-Pjan SNR fil-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Fond. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-Pjan SNR emendat ma' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mal-bidliet proposti. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħmlu aġġustamenti żgħar jew jikkoreġu żbalji klerikali fil-Pjanijiet SNR, permezz ta' notifika sempliċi ta' dawk il-bidliet lill-Kummissjoni, dment li tali emendi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Pjan SNR.	(37) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu talba motivata biex jemendaw il-Pjan SNR fil-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Fond. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-Pjan SNR emendat ma' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mal-bidliet proposti. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħmlu aġġustamenti żgħar jew jikkoreġu żbalji klerikali fil-Pjanijiet SNR, permezz ta' notifika sempliċi ta' dawk il-bidliet lill-Kummissjoni, dment li tali emendi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Pjan SNR. ***Fejn l-elementi rilevanti li jaffettwaw l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan SNR rigward l-Istat tad-Dritt jiġu identifikati, inkluż fil-kuntest tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Istat Membru kkonċernat biex iressaq emendi għall-Pjan SNR tiegħu u, fejn xieraq, jipproponi modifiki konkreti biex jiżgura konformità ma' dan ir-Regolament.***

Emenda 14
Proposta għal regolament

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Kull Stat Membru jenħtieġ li jwettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan SNR tiegħu. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jipprovdi emenda proposta kompluta tal-Pjan SNR ibbażata fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri, ir-riżultati ewlenin tal-evalwazzjonijiet rilevanti u rieżami tal-kostijiet totali stmati tal-miżuri koperti mill-Pjan SNR, filwaqt li jipprovdi wkoll l-opportunità li jitqiesu sfidi ġodda kif ukoll l-okkorrenza ta' kwalunkwe kriżi. Għall-finijiet tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li titqies ukoll is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat, inkluż kwalunkwe żvilupp finanzjarju, ekonomiku jew soċjali negattiv kbir. Il-Pjan SNR emendat ippreżentat mill-Istat Membru wara r-rieżami ta' nofs it-terminu jenħtieġ li jinkludi proposta għall-ipprogrammar tal-ammont ta' flessibbiltà b'miżuri riveduti jew ġodda flimkien mal-kostijiet stmati tagħhom u l-istadji importanti u l-miri korrispondenti.	(38) Kull Stat Membru jenħtieġ li jwettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan SNR tiegħu. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jipprovdi emenda proposta kompluta tal-Pjan SNR ibbażata fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri, ir-riżultati ewlenin tal-evalwazzjonijiet rilevanti u rieżami tal-kostijiet totali stmati tal-miżuri koperti mill-Pjan SNR, filwaqt li jipprovdi wkoll l-opportunità li jitqiesu sfidi ġodda kif ukoll l-okkorrenza ta' kwalunkwe kriżi. Għall-finijiet tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li titqies ukoll is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat, inkluż kwalunkwe żvilupp finanzjarju, ekonomiku jew soċjali negattiv kbir ***kif ukoll l-isfidi u r-rakkomandazzjonijiet identifikati fl-istrumenti rilevanti tal-Unjoni, inklużi s-Semestru Ewropew u l-aħħar Rapport tal-Istat tad-Dritt***. Il-Pjan SNR emendat ippreżentat mill-Istat Membru wara r-rieżami ta' nofs it-terminu jenħtieġ li jinkludi proposta għall-ipprogrammar tal-ammont ta' flessibbiltà b'miżuri riveduti jew ġodda flimkien mal-kostijiet stmati tagħhom u l-istadji importanti u l-miri korrispondenti. ***Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komparabbiltà, jenħtieġ li r-rekwiżiti minimi għall-kontenut, l-istruttura u l-metodoloġija ta' rieżamijiet ta' nofs it-terminu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiżguraw rapportar standardizzat u d-disponibbiltà ta' riżultati ta' evalwazzjoni robusti u f'waqthom.***

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(46a) Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jiġġieldu l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri xierqa sabiex jippermettu protezzjoni effettiva fl-Istati Membri, u fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 51a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(51a) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u tippermetti s-sorveljanza parlamentari xierqa tal-implimentazzjoni tal-Fond, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'informazzjoni f'waqtha u komprensiva rigward l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-Karta skont dan ir-Regolament.

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji ***u l-baġit*** tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti u implimentati miżuri proporzjonati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinterrompi l-iskadenzi għall-pagamenti, tissospendi l-pagamenti u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rispettivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi tqis in-natura, il-gravità u l-frekwenza tal-irregolaritajiet u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-baġit tal-Unjoni. F'konformità mar-	(52) Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti u implimentati miżuri proporzjonati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinterrompi l-iskadenzi għall-pagamenti, tissospendi l-pagamenti u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rispettivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi tqis in-natura, il-gravità u l-frekwenza tal-irregolaritajiet u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-baġit tal-Unjoni. F'konformità mar-

Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(6), u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95(7), (Euratom, KE) Nru 2185/96(8) u (UE) 2017/1939(9), l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, u, fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw malajr lill-Kummissjoni l-irregolaritajiet misjuba, u kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li jkunu ħadu fir-rigward ta' tali irregolaritajiet u fir-rigward ta' kwalunkwe investigazzjoni tal-OLAF. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li

Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(6), u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95(7), (Euratom, KE) Nru 2185/96(8) u (UE) 2017/1939(9) ***u d-Direttiva (UE) 2017/1371***, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ***u l-prosekuzzjoni*** ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess ***u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***, u, fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi ***u kriminali***. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw malajr lill-Kummissjoni l-irregolaritajiet misjuba, u kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li jkunu ħadu fir-rigward ta' tali irregolaritajiet u

jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939 jirrapportaw ukoll lill-UPPE mingħajr dewmien żejjed kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939.	fir-rigward ta' kwalunkwe investigazzjoni tal-OLAF. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939 jirrapportaw ukoll lill-UPPE mingħajr dewmien żejjed kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939.

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 52a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(52a) F'konformità mal-prinċipji ta' ftuħ u trasparenza minquxa fl-Artikolu 10(3) tat-TUE u l-Artikolu 15(1) tat-TFUE, jenħtieġ li l-proċess għas-sospensjoni u r-rilaxx ta' fondi tal-Unjoni jkun soġġett għal skrutinju pubbliku. Għal dak il-għan, huwa essenzjali li l-kriterji speċifiċi għar-rilaxx ta' fondi ffriżati kif ukoll għall-valutazzjonijiet sussegwenti tal-Kummissjoni jsiru disponibbli għall-pubbliku. Jenħtieġ li tali proċeduri jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, li jiżguraw li l-fondi jiġu rilaxxati biss ladarba Stat Membru jkun wera b'mod verifikabbli l-implimentazzjoni ta' riformi sinifikattivi u konformità sostnuta mal-istat tal-dritt.

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Il-proċeduri għall-għażla tal-operazzjonijiet applikati mill-Istati Membri jistgħu jkunu kompetittivi jew mhux kompetittivi dment li l-kriterji applikati, u	(55) Il-proċeduri għall-għażla tal-operazzjonijiet applikati mill-Istati Membri jistgħu jkunu kompetittivi jew mhux kompetittivi dment li l-kriterji applikati, u

l-proċeduri użati jkunu nondiskriminatorji, inklużivi, aċċessibbli meta jkun xieraq għall-persuni b'diżabilità, u trasparenti, b'kont meħud tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u li l-operazzjonijiet magħżula jimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni u jkunu konformi mal-prinċipji orizzontali definiti f'dan ir-Regolament.

l-proċeduri użati jkunu nondiskriminatorji, inklużivi, aċċessibbli meta jkun xieraq għall-persuni b'diżabilità, u trasparenti, b'kont meħud tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE***, u li l-operazzjonijiet magħżula jimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni u jkunu konformi mal-prinċipji orizzontali definiti f'dan ir-Regolament.

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Bil-għan li jiġi żgurat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan SNR tagħhom jibqa' raġonevoli u plawżibbli matul l-implimentazzjoni tiegħu u jitolbu emenda tal-Pjan SNR tagħhom fejn ikun meħtieġ. Il-mudell ta' implimentazzjoni tal-Fond jenħtieġ li jkollu l-għan li jipprovdi prevedibbiltà u konsistenza bejn il-livelli ta' pagament u l-pass ta' implimentazzjoni individwali ta' kull miżura billi jassenja valuri ta' żborż *ex ante* għal kull stadju importanti u mira. Barra minn hekk, l-Istat Membru jenħtieġ li jwettaq rieżami tal-kostijiet totali stmati tar-riformi u tal-investimenti u interventi oħra koperti mill-Pjan SNR bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu b'aġġustamenti korrispondenti kull meta jkun ġustifikat. Barra minn hekk, meta jissottometti l-pakkett ta' aċċertament annwali finali tiegħu għall-aħħar sena finanzjarja, l-Istat Membru jenħtieġ li jikkonferma li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat Membru lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-Pjan, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali. Għall-istess raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-	(56) Bil-għan li jiġi żgurat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan SNR tagħhom jibqa' raġonevoli u plawżibbli matul l-implimentazzjoni tiegħu u jitolbu emenda tal-Pjan SNR tagħhom fejn ikun meħtieġ. Il-mudell ta' implimentazzjoni tal-Fond jenħtieġ li jkollu l-għan li jipprovdi prevedibbiltà u konsistenza bejn il-livelli ta' pagament u l-pass ta' implimentazzjoni individwali ta' kull miżura billi jassenja valuri ta' żborż *ex ante* għal kull stadju importanti u mira ***minn qabel, filwaqt li jiżgura li l-iżborżi huma kundizzjonali fuq il-kisba verifikata tagħhom u jirriflettu l-progress attwali tal-implimentazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi metodoloġiji ċari u armonizzati għat-twaqqif ta' stadji importanti, miri u linji bażi, sabiex tiżgura l-valur għall-flus mill-finanzjament tal-Unjoni, il-verifika oġġettiva tal-kisbiet u livell konsistenti ta' ambizzjoni fost l-Istati Membri***. Barra minn hekk, l-Istat Membru jenħtieġ li jwettaq rieżami tal-kostijiet totali stmati tar-riformi u tal-investimenti u interventi oħra koperti mill-Pjan SNR bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu b'aġġustamenti korrispondenti kull meta

Kummissjoni jenħtieġ li titħalla tirkupra ammonti mħallsa qabel għal stadji interim ta' miżura jekk l-istadju importanti jew il-mira finali tal-miżura partikolari ma tiġix issodisfata u tieħu azzjoni f'każ ta' riversjar ta' stadju importanti jew mira li jseħħ sa 5 snin wara d-data tal-pagament korrispondenti tal-Kummissjoni.	jkun ġustifikat. Barra minn hekk, meta jissottometti l-pakkett ta' aċċertament annwali finali tiegħu għall-aħħar sena finanzjarja, l-Istat Membru jenħtieġ li jikkonferma li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat Membru lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-Pjan, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali. Għall-istess raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-Kummissjoni jenħtieġ li titħalla tirkupra ammonti mħallsa qabel għal stadji interim ta' miżura jekk l-istadju importanti jew il-mira finali tal-miżura partikolari ma tiġix issodisfata u tieħu azzjoni f'każ ta' riversjar ta' stadju importanti jew mira li jseħħ sa 5 snin wara d-data tal-pagament korrispondenti tal-Kummissjoni.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Il-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 isegwi objettivi simili u jappoġġa azzjonijiet simili fi skeda ta' żmien ta' implimentazzjoni komparabbli. Għalhekk, il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima jenħtieġ li jiġu integrati fil-Pjanijiet SNR mill-2028 'il quddiem. Dan huwa mistenni li jippermetti użu aktar effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u jappoġġa twettiq aktar effettiv u koerenti tal-objettivi tal-Fond. Dan jevita li jitħaddmu sistemi u proċessi simili b'mod parallel u b'hekk iġib benefiċċji ċari f'termini ta' ppjanar imtejjeb tal-politika, konsistenza tal-politika u sforzi ta' simplifikazzjoni. Għandu jiżgura wkoll l-applikazzjoni ta' regoli komuni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett għall-istat tad-dritt u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-allokazzjonijiet kurrenti tal-Istati Membri taħt il-Fond	(58) Il-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 isegwi objettivi simili u jappoġġa azzjonijiet simili fi skeda ta' żmien ta' implimentazzjoni komparabbli. Għalhekk, il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima jenħtieġ li jiġu integrati fil-Pjanijiet SNR mill-2028 'il quddiem. Dan huwa mistenni li jippermetti użu aktar effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u jappoġġa twettiq aktar effettiv u koerenti tal-objettivi tal-Fond. Dan jevita li jitħaddmu sistemi u proċessi simili b'mod parallel u b'hekk iġib benefiċċji ċari f'termini ta' ppjanar imtejjeb tal-politika, konsistenza tal-politika u sforzi ta' simplifikazzjoni. Għandu jiżgura wkoll l-applikazzjoni ta' regoli komuni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett ***għad-demokrazija u*** għall-istat tad-dritt u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-allokazzjonijiet kurrenti tal-Istati

Soċjali għall-Klima jkomplu japplikaw. Is-sinerġiji bejn l-investimenti eżistenti u futuri taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-miżuri tal-Pjanijiet jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti wkoll permezz ta' programmazzjoni kkoordinata bil-ħsieb li jiġu żgurati komplementarjetà u koerenza tal-politika aħjar bejn il-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi allokati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni.

Membri taħt il-Fond Soċjali għall-Klima jkomplu japplikaw. Is-sinerġiji bejn l-investimenti eżistenti u futuri taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-miżuri tal-Pjanijiet jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti wkoll permezz ta' programmazzjoni kkoordinata bil-ħsieb li jiġu żgurati komplementarjetà u koerenza tal-politika aħjar bejn il-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi allokati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni.

[4] Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).

[4] Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-Artikoli dwar l-appoġġ għall-prodotti agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura lokali, ir-rapportar dwar l-irregolaritajiet, il-kalkolu tal-penali għall-intendenza, il-ġbir u r-reġistrazzjoni tad-data, is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK), kif ukoll l-Annessi dwar it-twettiq tal-istadji importanti u l-miri, il-progress fl-implimentazzjoni, l-azzjonijiet tal-Unjoni, il-korrezzjonijiet finanzjarji, l-iskema għall-iskejjel tal-UE, l-interventi tal-PAK, il-kooperazzjoni tal-PAK. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji	(61) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-Artikoli dwar l-appoġġ għall-prodotti agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura lokali, ir-rapportar dwar l-irregolaritajiet, il-kalkolu tal-penali għall-intendenza, il-ġbir u r-reġistrazzjoni tad-data, is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK), kif ukoll l-Annessi dwar it-twettiq tal-istadji importanti u l-miri, il-progress fl-implimentazzjoni, l-azzjonijiet tal-Unjoni, il-korrezzjonijiet finanzjarji, l-iskema għall-iskejjel tal-UE, l-interventi tal-PAK, il-kooperazzjoni tal-PAK***. Barra minn hekk, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tad-demokrazija u***

stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[5]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

tal-istat tad-dritt jew tal-Karta, u tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwat min-nuqqas ta' ssodisfar. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[5]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[5] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj

[5] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 64a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64a) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939 jirrapportaw ukoll lill-UPPE mingħajr dewmien żejjed kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

Emenda 24
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-protezzjoni u t-tisħiħ tad-demokrazija fl-Unjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tat-TUE.	(e) il-protezzjoni u t-tisħiħ tad-demokrazija ***u tal-istat tad-dritt*** fl-Unjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tat-TUE.

Emenda 25
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) isaħħaħ il-bażi industrijali tal-Unjoni, il-ktajjen tal-provvista reżiljenti u jagħti spinta lill-manifattura sostenibbli u kompetittiva, b'mod partikolari fl-oqsma tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u tal-materja prima kritika, b'attenzjoni speċjali għall-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, billi jintegra bis-sħiħ l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi biex titħaffef tranżizzjoni għal industrija nadifa;	(ii) isaħħaħ il-bażi industrijali tal-Unjoni, il-ktajjen tal-provvista reżiljenti u jagħti spinta lill-manifattura sostenibbli u kompetittiva, b'mod partikolari fl-oqsma tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u tal-materja prima kritika ***b'tali mod li jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni***, b'attenzjoni speċjali għall-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, billi jintegra bis-sħiħ l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi biex titħaffef tranżizzjoni għal industrija nadifa;

Emenda 26
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt xa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(xa) isaħħaħ il-konnettività transfruntiera, ir-reżiljenza u s-sigurtà fl-Unjoni, u jtejjeb il-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza t-theddid transfruntier, permezz ta' investimenti strateġiċi u skalabbli b'valur miżjud ċar tal-Unjoni, b'mod partikolari proġetti fuq skala kbira li jikkontribwixxu għall-funzjonament tas-suq intern, iż-żona Schengen, il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna u t-tħejjija għall-kriżijiet, filwaqt li jevita l-frammentazzjoni tal-finanzjament u jiżgura enfasi aktar qawwija fuq proġetti

	b'impatt sinifikanti fuq il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni;

Emenda 27
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) isaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni billi jittejbu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni, prevenzjoni u rispons għat-theddid, inkluż billi jissaħħu l-infrastruttura kritika tal-enerġija u tat-trasport u ċ-ċibersigurtà;	(iii) isaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni billi jittejbu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni, ***analiżi,*** prevenzjoni u rispons għat-theddid, inkluż billi jissaħħu l-infrastruttura kritika tal-enerġija u tat-trasport u ċ-ċibersigurtà; ***jiġġieled it-theddid ibridu, id-diżinformazzjoni u l-kriminalità transfruntiera organizzata, inklużi dawk li joriġinaw barra mill-Unjoni, f'kooperazzjoni operazzjonali mill-qrib mal-aġenziji tal-Unjoni;***

Emenda 28
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) isaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni responsabbli għas-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri permezz ta' sistemi interoperabbli u skambju sigur ta' data, li jippermettu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni f'ħin reali, itejbu l-effettività u jiżguraw risponsi rapidi u kkoordinati f'każ ta' theddid transfruntier, f'konformità sħiħa mas-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza;

Emenda 29
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034;	***imħassar***

Emenda 30
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 –punt c – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jappoġġa l-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, b'mod li jkun kompletament konsistenti mal-objettivi stabbiliti fir-Regolamenti (UE) XX […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034, u (UE) XX […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034;

Emenda 31
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) jipprijoritizza l-investimenti fid-diġitalizzazzjoni, inklużi l-intelliġenza artifiċjali, l-infrastruttura sigura tad-data u l-innovazzjoni teknoloġika, bħala muturi tal-kompetittività u r-reżiljenza demokratika, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali;

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jippromwovi u jsostni l-istat tad-dritt permezz tat-tisħiħ tas-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, ***il-pluraliżmu*** tal-media, l-integrità tal-informazzjoni, il-litteriżmu medjatiku, u sistema ta' kontrokontrolli effettiva;	(ii) jippromwovi u jsostni l-istat tad-dritt permezz tat-tisħiħ ***tal-kwalità u l-effiċjenza*** tas-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, ***il-libertà u l-pluraliżmu*** tal-media, l-integrità tal-informazzjoni, il-litteriżmu medjatiku, u sistema ta' kontrokontrolli effettiva;

Emenda 33
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 40a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) "interessi finanzjarji tal-Unjoni" tfisser id-dħul, in-nefqa u l-assi kollha koperti minn baġits stabbiliti skont dan ir-Regolament, akkwistati permezz tagħhom jew dovuti lilhom, inklużi l-baġits iffinanzjati u/jew ġestiti direttament jew indirettament u l-baġits taħt ġestjoni kondiviża.

Emenda 34
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 10 għandha tiġi implimentata taħt ġestjoni diretta jew indiretta, f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	3. L-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 10 għandha tiġi implimentata taħt ġestjoni diretta jew indiretta, ***soġġetta għal trasparenza sħiħa mfassla biex tipprevjeni l-użu ħażin tal-fondi, inkluż ir-rapportar pubbliku dwar l-allokazzjoni, il-benefiċjarji u l-użu finali, kif ukoll awditi regolari,*** f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Emenda 35
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħas-sħab ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;	(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħas-sħab ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ***u, meta jkun xieraq, organizzazzjonijiet internazzjonali b'mod proporzjonat għar-rilevanza tagħhom u mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jiġi żgurat li l-appoġġ ikun immirat b'mod effettiv lejn il-komunitajiet l-aktar fil-bżonn***;

Emenda 36
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092;	(a) il-prinċipji ***tad-demokrazija u*** tal-istat tad-dritt kif stabbiliti ***fl-Artikolu 2 tat-TUE u speċifikati, b'mod partikolari,*** fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092;

Emenda 37
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrispettaw dawk id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-	L-Istati Membri għandhom jirrispettaw dawk id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-

Pjanijiet rispettivi tagħhom.	Pjanijiet rispettivi tagħhom. ***Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jindirizzaw kwalunkwe ksur ta' dawk id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji, inkluż permezz ta' mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ u kontroll.***

Emenda 38
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-konformità mal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli. Tali kriterji jistgħu jiġu adottati permezz ta' att delegat. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-issodisfar kontinwu ta' dawn il-kriterji matul l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet.

Emenda 39
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità tal-miżuri appoġġati mill-Pjanijiet tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea matul l-implimentazzjoni tal-Fond ("kundizzjoni orizzontali tal-Karta").	L-Istati Membri għandhom***, b'mod li huwa trasparenti u verifikabbli b'mod indipendenti,*** jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità tal-miżuri appoġġati mill-Pjanijiet tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea matul l-implimentazzjoni tal-Fond ("kundizzjoni orizzontali tal-Karta").

Emenda 40
Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom jipprovdu valutazzjoni ta' ***dawk il-mekkaniżmi***, ***f'konformità mal-Artikolu*** 22(2), il-punt (q) [rekwiżiti għall-Pjan SNR] u jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta.	Huma għandhom jipprovdu valutazzjoni ta' ***din il-konformità***, ***skont l-Artikolu*** 22(2), il-punt (q) [rekwiżiti għall-Pjan SNR] u jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta. ***Il-kundizzjoni tiġi ssodisfata meta jintlaħqu l-kriterji relatati.***

Emenda 41
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-konformità msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi:
	(a) arranġamenti – inklużi miżuri preventivi, valutazzjonijiet tar-riskju u bini tal-kapaċità għall-awtoritajiet maniġerjali u l-benefiċjarji – biex jiġi żgurat li l-miżuri implimentati fl-ambitu tal-Fond u appoġġati minnu jikkonformaw mal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta;
	(b) mekkaniżmi indipendenti tal-ilmenti li jippermettu lill-individwi u lill-organizzazzjonijiet jirrapportaw każijiet ta' nuqqas ta' konformità. Tali mekkaniżmi għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku matul il-ħajja kollha tal-pjanijiet SNR.
	Il-Kumitati ta' Monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament għandhom jindirizzaw kwistjonijiet identifikati mill-mekkaniżmu tal-ilmenti indipendenti. Il-mekkaniżmi tal-ilmenti għandhom jiġu publiċizzati b'mod wiesa', ikunu faċli għall-utent u aċċessibbli għal kulħadd, inklużi l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, matul iċ-ċiklu tal-programm kollu kemm hu.

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta ma ġietx issodisfata, hija għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 3.	Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta ma ġietx issodisfata, hija għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali***, b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' trasparenza jew in-nuqqasijiet jirriżultaw f'użu ħażin, frodi jew nuqqas ta' twettiq ta' titjib tanġibbli għall-benefiċjarji intenzjonati,*** tal-Karta u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 3.

Emenda 43
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk il-ksur identifikat mill-Kummissjoni jista' jikkostitwixxi wkoll ksur tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt, il-proċedura tal-Artikolu 9 għandha tiġi attivata bi prijorità.	***imħassar***

Emenda 44
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew bi kwalunkwe deċiżjoni proposta, adottata, emendata jew imħassra skont il-paragrafi 4, 6 u 7. Dik l-informazzjoni għandha

	tinkludi ġustifikazzjoni debitament motivata, il-valutazzjoni sottostanti u l-elementi rilevanti kollha. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-valutazzjoni tagħha mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 45
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-Kummissjoni għandha tippubblika mingħajr dewmien l-atti li jawtorizzaw ir-rilaxx ta' fondi taħt il-Fond, kif ukoll kwalunkwe att adottat b'rabta ma' dawk id-deċiżjonijiet.

Emenda 46
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett tal-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 matul l-implimentazzjoni tal-Fond (il-"kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt"). Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar ta' dik il-kundizzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom***, b'mod li huwa trasparenti u verifikabbli b'mod indipendenti,*** jiżguraw ir-rispett tal-prinċipji ***tad-demokrazija u*** tal-istat tad-dritt kif stabbiliti ***fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif speċifikat, b'mod partikolari,*** fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 matul l-implimentazzjoni tal-Fond (il-"kundizzjoni orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-istat tad-dritt"). Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar ta' dik il-kundizzjoni. ***Il-kundizzjoni tiġi ssodisfata meta jintlaħqu l-kriterji relatati. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll ir-rapporti pprovduti mill-UPPE skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092.***

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-valutazzjoni tagħha, b'kont meħud tal-informazzjoni rilevanti, inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat fil-Pjan SNR tiegħu, bi tweġiba għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, u r-rapporti tal-pajjiżi dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew.	2. Fejn il-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjoni orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-istat tad-dritt, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-valutazzjoni tagħha, b'kont meħud tal-informazzjoni rilevanti, inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat fil-Pjan SNR tiegħu, bi tweġiba għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, u r-rapporti tal-pajjiżi dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew.

Emenda 48
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt ma tkunx issodisfata, hija għandha ***tipproponi lill-Kunsill deċiżjoni ta' implimentazzjoni*** li ***tiddetermina*** n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 4.	Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-istat tad-dritt ma tkunx issodisfata, hija għandha ***tadotta att delegat*** li ***jiddetermina*** n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-Istat tad-Dritt u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 4.

Emenda 49
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak il-għan, għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt:	Għal dak il-għan, għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-Istat tad-Dritt:

Emenda 50
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impatt reali jew potenzjali fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;	(a) l-impatt reali jew potenzjali fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***, b'mod partikolari l-kooperazzjoni effettiva u f'waqtha mal-UPPE***;

Emenda 51
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.	***imħassar***

Emenda 52
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjonijiet għall-pagament għall-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-pagamenti korrispondenti sakemm il-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt tkun ġiet issodisfata.	5. L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjonijiet għall-pagament għall-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-pagamenti korrispondenti sakemm il-kundizzjoni orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-Istat tad-Dritt tkun ġiet issodisfata.

Emenda 53
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

6. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni malli jqis li l-ksur tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt ikun ġie rimedjat. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. ***Jekk*** il-Kummissjoni tqis li ***l-ksur ikun ġie rimedjat b'mod sħiħ***, hija għandha ***tipproponi lill-Kunsill biex iħassar d-deċiżjoni*** msemmija fil-paragrafu 4. ***Jekk*** il-Kummissjoni ***tqis li l-ksur ikun ġie rimedjat parzjalment,*** hija għandha ***tipproponi lill-Kunsill biex jemenda d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 kif xieraq***. ***Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni***.	6. L-Istat Membru ***kkonċernat*** għandu jinforma lill-Kummissjoni malli jqis li l-ksur tal-kundizzjoni orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-istat tad-dritt ikun ġie rimedjat. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. ***Fejn*** il-Kummissjoni tqis li ***l-kundizzjoni orizzontali tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt*** hija ***ssodisfata, hija*** għandha ***tħassar id-deċiżjoni*** msemmija fil-paragrafu 4. ***Fejn*** il-Kummissjoni ***ma taqbilx mal-Istat Membru rigward l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt,*** hija għandha ***tinforma lill-Istat Membru b'dan u tistabbilixxi l-valutazzjoni tagħha***. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi b'mod ċar u oġġettiv il-kriterji speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati għar-rilaxx tal-fondi sospiżi u għandha tagħmel dawn il-kriterji, kif ukoll il-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom, disponibbli għall-pubbliku***. ***Id-deċiżjonijiet biex jiġi sospiż, emendat jew imħassar il-finanzjament għandhom ikunu bbażati fuq riformi verifikabbli u konformità murija mal-istat tad-dritt fil-prattika.***

Emenda 54
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tal-Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi tal-Pjan ikkonċernat jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx tħassret ***[***fi żmien sena ***[***waħda***]*** mill-adozzjoni tagħha***]***.	7. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tal-Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi tal-Pjan ikkonċernat jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx tħassret fi żmien sena waħda mill-adozzjoni tagħha. ***Fejn ikun debitament ġustifikat fid-dawl tan-natura, il-kumplessità jew il-karattru sistemiku tal-ksur tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt ikkonċernat, il-Kummissjoni tista'***

	testendi dak il-perjodu b'mhux aktar minn sentejn addizzjonali. Tali estensjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi u verifikabbli u għandha tkun debitament motivata.

Emenda 55
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew bi kwalunkwe deċiżjoni proposta, adottata, emendata jew imħassra skont il-paragrafi 4 ***u*** 6.	8. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew bi kwalunkwe deċiżjoni proposta, adottata, emendata jew imħassra skont il-paragrafi 4***,*** 6 ***u*** *7*. ***Dik l-informazzjoni għandha tinkludi ġustifikazzjoni debitament motivata, il-valutazzjoni sottostanti u l-elementi rilevanti kollha. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-valutazzjoni tagħha mingħajr dewmien żejjed.***

Emenda 56
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika mingħajr dewmien l-atti li jawtorizzaw ir-rilaxx ta' fondi taħt il-Fond, kif ukoll kwalunkwe att adottat b'rabta ma' dawk id-deċiżjonijiet.

Emenda 57
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità mal-

	acquis tal-Unjoni essenzjali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni matul l-implimentazzjoni tal-Fond (il-"kundizzjoni orizzontali tal-PIF"). L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-PIF. Fejn il-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjoni orizzontali tal-PIF, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-valutazzjoni tagħha.

Emenda 58
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi Pjan SNR u fil-kapitolu tal-Pjan Interreg li ma jkunx intuża għall-prefinanzjament, f'konformità mal-Artikolu 17 [prefinanzjament] jew li għalih ma tkunx ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-pagament f'konformità mal-Artikoli 65 [sottomissjoni u valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament], sal-31 ta' Ottubru tas-sena kalendarja ta' wara s-sena tal-impenji baġitarji.	1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi Pjan SNR u fil-kapitolu tal-Pjan Interreg li ma jkunx intuża għall-prefinanzjament, f'konformità mal-Artikolu 17 [prefinanzjament] jew li għalih ma tkunx ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-pagament f'konformità mal-Artikoli 65 [sottomissjoni u valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament], sal-31 ta' Ottubru tas-sena kalendarja ta' wara s-sena tal-impenji baġitarji. ***L-ammonti diżimpenjati għandhom jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u r-riallokazzjoni jew l-użu mill-ġdid tagħhom għandu jiġi deċiż mill-awtorità baġitarja f'konformità mal-proċedura baġitarja annwali.***

Emenda 59
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-approprjazzjonijiet li	4. L-approprjazzjonijiet li

jikkorrispondu għad-diżimpenji f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u l-Artikoli 8 [Karta] u 9 [kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt] ta' dan ir-Regolament ***jistgħu*** jerġgħu jsiru disponibbli għall-użu taħt strumenti jew programmi oħra tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija tal-Ewropa, is-soċjetà ċivili, il-valuri tal-Unjoni jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.	jikkorrispondu għad-diżimpenji f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u l-Artikoli 8 [Karta] u 9 [kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt] ta' dan ir-Regolament ***għandhom*** jerġgħu jsiru disponibbli għall-użu taħt strumenti jew programmi oħra tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija tal-Ewropa, is-soċjetà ċivili, il-valuri tal-Unjoni jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. ***Tali approprjazzjonijiet għandhom, sa fejn ikun possibbli, jiġu allokati għall-benefiċċju tal-benefiċjarji aħħarin fl-Istat Membru kkonċernat u għandhom jiġu diretti, bi prijorità, lejn miżuri mmirati biex itaffu l-effetti negattivi tal-ksur tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-prinċipji stabbiliti fil-Karta dwar il-benefiċjarji u r-riċevituri aħħarin. Proporzjon tal-approprjazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija tal-Ewropa għandhom, fejn xieraq, jiġu allokati għal strumenti jew programmi implimentati fl-Istat Membru kkonċernat li fih il-fondi jkunu ġew sospiżi jew diżimpenjati, bil-ħsieb li jiġi żgurat appoġġ kontinwu għall-benefiċjarji finali u l-promozzjoni tal-Artikolu 2 tat-TUE fil-livell nazzjonali.***
Emenda 60 **Proposta għal regolament** **Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)**	
Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tikkonforma mal-prinċipji tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tar-rispett għall-Karta inklużi l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, is-sorveljanza indipendenti, u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni u l-frodi. Kwalunkwe nuqqas f'dawn l-oqsma li

	jirriskja li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni għandu jiġi indirizzat mingħajr dewmien permezz ta' miżuri korrettivi xierqa.

Emenda 61
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jappoġġa ***l-objettivi*** ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 u jikkontribwixxi b'mod komprensiv u adegwat għall-objettivi speċifiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 3, b'kont meħud tal-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat, u jipprovdi strateġija ta' intervent li turi kif dawk l-objettivi se jiġu indirizzati u ffinanzjati mill-Pjan, liema livell ta' finanzjament huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ġenerali, u kif dak il-livell ta' finanzjament huwa ġġustifikat. Il-Pjan SNR ta' Stat Membru b'introjtu nazzjonali gross (ING) per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni għandu juri b'mod partikolari li jikkontribwixxi b'mod adegwat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(a), il-punti (vii) u (ix), u l-Artikolu 3(d), il-punt (v).	(a) jappoġġa***, ikun konsistenti mal-objettivi*** ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 ***u jirrispettahom,*** u jikkontribwixxi b'mod komprensiv u adegwat għall-objettivi speċifiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 3, b'kont meħud tal-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat, u jipprovdi strateġija ta' intervent li turi kif dawk l-objettivi se jiġu indirizzati u ffinanzjati mill-Pjan, liema livell ta' finanzjament huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ġenerali, u kif dak il-livell ta' finanzjament huwa ġġustifikat. Il-Pjan SNR ta' Stat Membru b'introjtu nazzjonali gross (ING) per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni għandu juri b'mod partikolari li jikkontribwixxi b'mod adegwat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(a), il-punti (vii) u (ix), u l-Artikolu 3(d), il-punt (v).

Emenda 62
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b– punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru, inklużi dawk relatati mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	(i) fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru, inklużi dawk relatati mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ***kif ukoll dawk relatati mal-istat tad-dritt***;

Emenda 63
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b– punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) jispjega kif l-Istati Membri jipprovdu appoġġ lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2017/1939, f'dawk li huma mekkaniżmi fis-seħħ u l-kapaċità ddedikata għal tali appoġġ;

Emenda 64
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) jispeċifika l-arranġamenti fis-seħħ biex jiżgura li fil-każ ta' interruzzjoni tal-iskadenzi għall-pagamenti jew sospensjoni tal-finanzjament tal-Unjoni, korrezzjonijiet finanzjarji jew miżuri oħra biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li ***jkomplu l-pagamenti*** lill-benefiċjarji, lir-riċevituri, lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi u lill-parteċipanti;	(l) jispeċifika l-arranġamenti fis-seħħ biex jiżgura li fil-każ ta' interruzzjoni tal-iskadenzi għall-pagamenti jew sospensjoni tal-finanzjament tal-Unjoni, korrezzjonijiet finanzjarji jew miżuri oħra biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li ***jiżguraw il-kontinwazzjoni mhux interrotta u f'waqtha tal-pagamenti*** lill-benefiċjarji, lir-riċevituri, lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi u lill-parteċipanti;

Emenda 65
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) jipprovdi awtovalutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta msemmija fl-Artikolu 8 [Artikolu tal-Karta];	(o) jipprovdi awtovalutazzjoni ***komprensiva, ibbażata fuq l-evidenza*** tal-konformità mal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta msemmija fl-Artikolu 8 [Artikolu tal-Karta]***. Dik il-valutazzjoni għandha tkun appoġġata b'dokumentazzjoni u data rilevanti, u għandha tidentifika r-riskji potenzjali ta' nuqqas ta' konformità, il-***

	miżuri meħuda għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' tali riskji, kif ukoll il-mekkaniżmi disponibbli biex jiġu żgurati rimedji effettivi f'każ ta' ksur;

Emenda 66
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) jispeċifika l-mod li bih il-Pjan u l-implimentazzjoni prevista tiegħu jiżguraw ir-rispett tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt imsemmija fl-Artikolu 9 [kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt], inkluż is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa fil-qafas tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, flimkien ma' miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi identifikati speċifiċi għall-pajjiż.	(p) jispeċifika l-mod li bih il-Pjan u l-implimentazzjoni prevista tiegħu jiżguraw ir-rispett tal-kundizzjoni orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-Istat tad-Dritt imsemmija fl-Artikolu 9 [kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt], inkluż is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa fil-qafas tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, flimkien ma' miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi identifikati speċifiċi għall-pajjiż. ***Għal dak l-għan, il-Pjan għandu jinkludi strateġija ta' implimentazzjoni konkreta u dettaljata li tistabbilixxi l-miżuri li għandhom jiġu adottati, l-iskeda ta' żmien għall-eżekuzzjoni tagħhom, l-awtoritajiet responsabbli, u l-istadji importanti u l-miri korrispondenti, kif ukoll ir-riżorsi allokati.***

Emenda 67
Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni ***ta' implimentazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 9(4) jew soġġetti għal deċiżjoni li timponi miżuri għall-protezzjoni tal-baġit skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 ma għandhomx jiġu emendati qabel ma titħassar id-deċiżjoni, sakemm l-emenda ma tkunx maħsuba biex tappoġġa	8. Il-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni ***delegata*** msemmija fl-Artikolu 9(4) jew soġġetti għal deċiżjoni li timponi miżuri għall-protezzjoni tal-baġit skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 ma għandhomx jiġu emendati qabel ma titħassar id-deċiżjoni, sakemm l-emenda ma tkunx maħsuba biex tappoġġa miżuri li

miżuri li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt jew biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq.	jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-Istat tad-Dritt jew biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq.

Emenda 68
Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 9 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta;	(a) l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta ***jew l-indirizzar tas-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija hawn fuq***;

Emenda 69
Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-ħtieġa li tiġi żgurata konformità kontinwa mal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta fl-implimentazzjoni tal-Pjan, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew.	(g) il-ħtieġa li tiġi żgurata konformità kontinwa mal-kundizzjonijiet orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-Istat tad-Dritt***, tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji*** u tal-Karta***, inkluż li jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż maħruġa mill-Kummissjoni jiġu integrati kif xieraq u indirizzati b'mod effettiv*** fl-implimentazzjoni tal-Pjan, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew.

Emenda 70
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tapplika miżuri u proċeduri effettivi u proporzjonati, b'kont meħud tar-riskji	(c) tapplika miżuri u proċeduri effettivi u proporzjonati, b'kont meħud tar-riskji

identifikati, biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess, u l-finanzjament doppju u tiżgura l-konformità tal-operazzjonijiet sottostanti mal-liġi applikabbli, f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin];	identifikati, biex tipprevjeni, ***tirrapporta,*** tidentifika u tikkoreġi irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess ***jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***, u l-finanzjament doppju u tiżgura l-konformità tal-operazzjonijiet sottostanti mal-liġi applikabbli, f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin];

Emenda 71
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn l-Istat Membru jistabbilixxi aktar minn kumitat ta' monitoraġġ wieħed, huwa għandu jistabbilixxi wkoll kumitat ta' koordinazzjoni li għandu jiżgura l-ħarsa ġenerali u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet rilevanti li jimmaniġġaw kull wieħed mill-kapitoli tal-Pjan SNR, fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat tad-deċiżjoni li tapprova l-Pjan SNR. Il-Kumitat ta' koordinazzjoni għandu japprova l-elementi kollha elenkati taħt l-Artikolu 56(1) [funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ]	2. Fejn l-Istat Membru jistabbilixxi aktar minn kumitat ta' monitoraġġ wieħed, huwa għandu jistabbilixxi wkoll kumitat ta' koordinazzjoni li għandu jiżgura l-ħarsa ġenerali u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet rilevanti li jimmaniġġaw kull wieħed mill-kapitoli tal-Pjan SNR, fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat tad-deċiżjoni li tapprova l-Pjan SNR. Il-Kumitat ta' koordinazzjoni għandu ***jiżgura li l-organizzazzjoni tal-kumitati ta' monitoraġġ tippermetti monitoraġġ effettiv fl-oqsma ta' politika differenti koperti mill-Pjan SNR. Il-Kumitat ta' koordinazzjoni għandu*** japprova l-elementi kollha elenkati taħt l-Artikolu 56(1) [funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ]

Emenda 72
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-Kumitati ta' Monitoraġġ għandhom joperaw f'konformità mal-

prinċipji ta' sħubija, b'kunsiderazzjoni tal-arranġamenti istituzzjonali u amministrattivi tal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu lis-sħab rilevanti, fejn xieraq u f'konformità mal-prattiki nazzjonali, fil-ħidma tal-Kumitati ta' Monitoraġġ u fl-implimentazzjoni tal-programmi.

Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza bejn l-Istati Membri, fejn rilevanti.

Emenda 73
Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 [Kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-dritt u tal-Karta] u l-applikazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni;	(c) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali ***tad-demokrazija u*** tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 [Kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-dritt u tal-Karta] u l-applikazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni***, inkluża valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti identifikati fl-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, u tal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati speċifiċi għall-pajjiż***;

Emenda 74
Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) il-punt sa fejn il-benefiċjarji finali huma protetti b'mod adegwat fl-implimentazzjoni tal-programm jew tal-ftehim.

Emenda 75
Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-fondi fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet jikkonforma mal-liġi applikabbli, inklużi r-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat. Huma għandhom b'mod partikolari jiżguraw il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-fondi fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet jikkonforma mal-liġi applikabbli, inklużi r-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat. Huma għandhom b'mod partikolari jiżguraw il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess ***u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***.

Emenda 76
Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess, inkluż l-użu ta' għodod għall-estrazzjoni tad-data;	(c) jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw***, jirrapportaw*** u jikkoreġu irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess ***u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw il-Fond,*** inkluż l-użu ta' għodod għall-estrazzjoni tad-data;

Emenda 77
Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) għal dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939:
	- ikollhom fis-seħħ sistemi li jiżguraw li l-awtoritajiet tagħhom ikollhom il-kapaċità li jidentifikaw u jirrapportaw lill-UPPE mingħajr dewmien żejjed kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha jkun jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu,

	f'konformità mal-Artikolu 24(1) sa (5) tar-Regolament (UE) 2017/1939,
	- jiżguraw li l-UPPE jirċievi appoġġ adegwat fl-investigazzjonijiet tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2017/1939, b'mod partikolari billi jkollu persunal iddedikat u speċjalizzat assenjat mill-Istati Membri għal-livell deċentralizzat tal-UPPE, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u investigaturi u esperti speċjalizzati oħra;

Emenda 78
Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) jagħmlu arranġamenti biex jiżguraw l-eżami effettiv tal-ilmenti li jikkonċernaw l-użu tal-Fond, f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali u legali tagħhom, u fuq talba tal-Kummissjoni, jeżaminaw l-ilmenti sottomessi lill-Kummissjoni li jaqgħu fl-ambitu tal-Pjan SNR u jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dawn l-eżamijiet;	(j) jagħmlu arranġamenti biex jiżguraw l-eżami effettiv***, imparzjali u f'waqtu*** tal-ilmenti li jikkonċernaw l-użu tal-Fond, f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali u legali tagħhom, u fuq talba tal-Kummissjoni, jeżaminaw l-ilmenti sottomessi lill-Kummissjoni li jaqgħu fl-ambitu tal-Pjan SNR u jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dawn l-eżamijiet***. Tali arranġamenti għandhom jiżguraw li l-ilmenti jkunu jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe forma bil-miktub, li l-wasla ta' kull ilment tiġi kkonfermata u assenjata numru ta' referenza ċar minnufih, u li l-ilmentaturi jiġu infurmati dwar is-segwitu għall-ilment tagħhom fi żmien raġonevoli li ma jaqbiżx sena mill-preżentazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura l-viżibbiltà u l-għarfien u l-aċċessibbiltà wesgħin ta' tali mekkaniżmi***;

Emenda 79
Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm riskju speċifiku jew suspett ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess jew nuqqas ta' konformità serju ieħor mar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri];	(a) ikun hemm riskju speċifiku jew suspett ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess***, attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni*** jew nuqqas ta' konformità serju ieħor mar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri];

Emenda 80
Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni għandha tkun bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru u/jew bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, u għandha tibqa' disponibbli fuq is-sit web għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali tagħha. Id-data ppubblikata fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun f'format lest għad-diġitalizzazzjoni, miftuħ, interoperabbli u li jinqara minn magna, li jippermetti li d-data tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid.	L-informazzjoni għandha tkun bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru u/jew bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, u għandha tibqa' disponibbli fuq is-sit web għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali tagħha. Id-data ppubblikata fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun f'format lest għad-diġitalizzazzjoni, miftuħ, interoperabbli u li jinqara minn magna, li jippermetti li d-data tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid. ***L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata wkoll b'mod ċar, aċċessibbli u faċli għall-utent, inkluż permezz ta' sommarji jew spjegazzjonijiet b'lingwaġġ sempliċi, sabiex jiġi żgurat li tinftiehem faċilment mill-pubbliku ġenerali.***

Emenda 81
Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 [Eżerċizzju tad-delega] biex temenda l-Artikoli 48 [Appoġġ għall-prodotti	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 [Eżerċizzju tad-delega] biex temenda l-Artikoli 48 [Appoġġ għall-prodotti

agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura lokali], 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri, rapportar dwar l-irregolaritajiet], 62 [kalkolu tal-penali għall-intendenza], 63 [ġbir u reġistrazzjoni tad-data], 70 [SIAK], l-Annessi VIII [twettiq tal-istadji importanti u l-miri], IX [progress fl-implimentazzjoni], XI [applikazzjoni għall-pagament], XV [azzjonijiet tal-Unjoni], XIV [korrezzjonijiet finanzjarji], għal dan ir-Regolament sabiex tadattahom għall-bidliet li jseħħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura lokali], 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri, rapportar dwar l-irregolaritajiet], 62 [kalkolu tal-penali għall-intendenza], 63 [ġbir u reġistrazzjoni tad-data], 70 [SIAK], l-Annessi VIII [twettiq tal-istadji importanti u l-miri], IX [progress fl-implimentazzjoni], XI [applikazzjoni għall-pagament], XV [azzjonijiet tal-Unjoni], XIV [korrezzjonijiet finanzjarji], għal dan ir-Regolament sabiex tadattahom għall-bidliet li jseħħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 biex tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt u tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar.***

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034		
Referenzi	COM(2025)0565 – C10-0179/2025 – 2025/0240(COD)		
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.10.2025	REGI 23.10.2025	AGRI 23.10.2025
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 23.10.2025		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Javier Zarzalejos 19.6.2026		
Rapporteur għal opinjoni preċedenti	António Tânger Corrêa		
Data tal-adozzjoni	24.6.2026		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	51 17 1	

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

51	+
ECR	Assita Kanko
PPE	Krzysztof Brejza, Caterina Chinnici, Paulo Cunha, Lena Düpont, Loucas Fourlas, Ondřej Kolář, Marie-Sophie Lanig, Jeroen Lenaers, Verena Mertens, Ana Miguel Pedro, Emil Radev, Karlo Ressler, Bartłomiej Sienkiewicz, Tomas Tobé, Loránt Vincze, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Malik Azmani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Moritz Körner, Michael McNamara, Marjan Šarec, Hilde Vautmans, Lucia Yar
S&D	Vytenis Povilas Andriukaitis, Francisco Assis, Katarina Barley, Hannes Heide, Alicia Homs Ginel, Evin Incir, Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Kristian Vigenin, Alessandro Zan
The Left	Giuseppe Antoci, Pernando Barrena Arza, Gaetano Pedulla', Ilaria Salis
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Mélissa Camara, Markéta Gregorová, Leoluca Orlando, Tineke Strik

17	-
ECR	Alessandro Ciriani, Geadis Geadi, Paolo Inselvini, Georgiana Teodorescu, Maciej Wąsik
ESN	Alexander Sell, Milan Uhrík, Roberto Vannacci
NI	Erik Kaliňák
PfE	Jorge Buxadé Villalba, Mélanie Disdier, Marieke Ehlers, Catherine Griset, András László, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Tom Vandendriessche

1	0
PfE	Jaroslav Bžoch

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni